Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

XXXX(INI)

11.10.2024

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2024
(XXXX(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

Rapporteur: Nicolás Pascual De La Parte

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA……...…….....11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2024
(XXXX(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra t-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Kapitolu 2, it-Taqsima 2, tiegħu rigward id-dispożizzjonijiet dwar il-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK),

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Versailles adottata fil-laqgħa informali tal-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern fil-11 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-"Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża – Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali", li ġiet approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Marzu 2022 u mill-Kunsill Ewropew fil-25 ta' Marzu 2022,

– wara li kkunsidra l-Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK – Lejn missjonijiet ċivili aktar effikaċi, approvat mill-Kunsill fit-22 ta' Mejju 2023,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2315 tal-11 ta' Diċembru 2017 li tistabbilixxi Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO) u li tiddetermina l-lista ta' Stati Membri parteċipanti[1],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/890 tat-18 ta' Marzu 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/697 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1092[3],

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni ta' finanzjament annwali, li tikkostitwixxi l-ewwel parti tal-programm ta' ħidma annwali għall-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għad-Difiża għall-2024, adottat mill-Kummissjoni fil-15 ta' Marzu 2024 (C(2024)1702),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Jannar 2018 dwar l-Approċċ Integrat għal Kunflitti u Kriżijiet Esterni u tal-24 ta' Jannar 2022 dwar is-sitwazzjoni tas-sigurtà Ewropea,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Granada adottata fil-laqgħa informali tal-kapijiet

[1] ĠU L 331, 14.12.2017, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2017/2315/oj.
[2] ĠU L, 2024/890, 19.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/890/oj.
[3] ĠU L 170, 12.5.2021, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/697/oj.

ta’ Stat jew ta’ gvern fis-6 ta’ Ottubru 2023,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta’ Mejju 2024 dwar is-sigurtà u d-difiża,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà tal-10 ta’ Novembru 2022 intitolata “Pjan ta’ azzjoni dwar il-mobbiltà militari 2.0” (JOIN(2022)0048),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà tal-5 ta’ Marzu 2024 intitolata “Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża: Il-kisba ta’ tħejjija tal-UE permezz ta’ Industrija Ewropea tad-Difiża reattiva u reżiljenti” (JOIN(2024)0010),

– wara li kkunsidra r-rapport tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà tal-20 ta’ Ġunju 2024 intitolat “Rapport dwar il-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni - Il-prijoritajiet tagħna fl-2024”,

– wara li kkunsidra l-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024-2029, tal-kandidata għall-kariga ta’ President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, tat-18 ta’ Lulju 2024, intitolati “L-Għażla quddiem l-Ewropa”,

– wara li kkunsidra r-rapport ta’ Mario Draghi tad-9 ta’ Settembru 2024 dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea u l-Kapitolu 4 tiegħu intitolat “Increasing security and reducing dependencies”,

– wara li kkunsidra s-sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża ffirmati, rispettivament, fil-21 ta’ Mejju mill-UE u mill-Moldova u fit-28 ta’ Mejju 2024 mill-UE u min-Norveġja,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 1325 (2000) tal-31 ta’ Ottubru 2000, 1889 (2009) tal-5 ta’ Ottubru 2009, 2122 (2013) tal-18 ta’ Ottubru 2013, 2242 (2015) tat-13 ta’ Ottubru 2015 u 2493 (2019) tad-29 ta’ Ottubru 2019 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà, u r-riżoluzzjonijiet 2250 (2015) tad-9 ta’ Diċembru 2015, 2419 (2018) tas-6 ta’ Ġunju 2018 u 2535 (2020) tal-14 ta’ Lulju 2020 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar iż-Żgħażagħ, il-Paċi u s-Sigurtà,

– wara li kkunsidra l-Patt għall-Futur u l-Kapitolu 2 tiegħu dwar il-paċi u s-sigurtà internazzjonali, adottat fit-23 ta’ Settembru 2024 mill-kapijiet ta’ Stat jew ta’ gvern tal-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti,

– wara li kkunsidra t-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana,

– wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Summit ta’ Washington li ħarġu l-kapijiet ta’ Stat jew ta’ gvern tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana li sar Washington fl-10 ta’ Lulju 2024,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta’ Frar 2024 intitolata “Implimentazzjoni

tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni – rapport annwali 2023"[4],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Frar 2024 dwar il-ħtieġa ta' appoġġ sod tal-UE lill-Ukrajna, wara sentejn ta' gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Lulju 2024 dwar il-ħtieġa tal-appoġġ kontinwu tal-UE għall-Ukrajna[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 2024 dwar l-appoġġ finanzjarju u militari kontinwu lill-Ukrajna mill-Istati Membri tal-UE[7],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-xxxxx/2024),

A. billi din l-aħħar sena kienet ikkaratterizzata minn deklin fil-paċi u fis-sigurtà tad-dinja, fatt li jirriżulta, fost affarijiet oħra, mill-kunflitti, mir-rivalità ġeopolitika, miż-żieda fil-militarizzazzjoni u mit-theddid ibridu, kif ivvaluta l-Indiċi tan-Normandija 2024[8];

Il-konsegwenzi ta' paradigma ġeopolitika f'evoluzzjoni għas-sigurtà Ewropea

1. Jisħaq fuq il-gravità tat-theddid għas-sigurtà tal-kontinent Ewropew, li, mit-Tieni Gwerra Dinjija, laħqet livell bla preċedent; jesprimi tħassib kbir rigward iż-żieda fil-firdiet ġeopolitiċi, l-ambizzjonijiet imperjalisti l-ġodda għall-ħakma minn potenzi awtoritarji, ir-rivalità sistemika tal-potenzi l-kbar, l-unilateraliżmu nazzjonalistiku u l-użu prinċipali u dejjem akbar tal-forza u tal-vjolenza min-naħa ta' ċerti Stati u atturi mhux statali biex jippromwovu l-interessi u l-objettivi politiċi tagħhom jew biex isolvu t-tilwim; jemmen li din it-tendenza tirrappreżenta bidla tal-paradigma, inkwantu taqleb ta' taħt fuq il-loġika skont liema s-sigurtà internazzjonali tinbena abbażi tar-rispett tad-dritt internazzjonali, ta' ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tal-multilateraliżmu;

Ir-risposta tal-UE: era ġdida ta' sigurtà u difiża Ewropej

2. Jenfasizza l-bżonn assolut għall-UE biex tilqa' l-isfidi li joħloq it-theddid multipli u f'evoluzzjoni kostanti għas-sigurtà tagħha u, għal dan l-iskop, timpenja ruħha f'politiki u f'azzjonijiet ġodda li jippermettu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jsaħħu b'mod kollettiv u koerenti d-difiża tagħhom fl-Ewropa u l-kapaċità tagħhom li jieħdu azzjoni fil-livell dinji;

3. Jilqa', f'dan ir-rigward, l-objettiv tal-President tal-Kummissjoni biex tagħti bidu għal era ġdida għad-difiża u s-sigurtà Ewropej, billi tinbena unjoni Ewropea tad-difiża vera u proprja; jilqa' l-fatt li, fis-17 ta' Settembru 2024, għall-ewwel darba, ġie nnominat Kummissarju għad-Difiża u għall-Ispazju, inkarigat milli jaħdem b'mod konġunt mal-

[4]Testi adottati, P9_TA(2024)0105.
[5]Testi adottati, P9_TA(2024)0119.
[6]Testi adottati, P10_TA(2024)0003.
[7]Testi adottati, P10_TA(2024)0012.
[8] Studju – "Mapping threats to peace and democracy worldwide – Normandy Index 2024", Parlament Ewropew, Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Settembru 2024.

Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) fuq white paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea fi żmien l-ewwel mitt ġurnata tal-mandat tagħhom;

4. Jistieden lill-UE u lil-Istati Membri tagħha jħaffu l-impenji tagħhom li ħadu fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles, adottata fil-11 ta' Marzu 2022, biex jieħdu aktar responsabbiltà rigward id-difiża u s-sigurtà tagħhom, anki billi jiksbu awtonomija strateġika akbar; jisħaq fuq il-fatt li n-NATO u s-sħubija trans-Atlantika mal-Istati Uniti jibqgħu l-pedamenti tad-difiża kollettiva Ewropea; jisħaq fuq il-bżonn li l-Istati Membri tal-UE jintensifikaw l-isforzi tagħhom billi jżidu l-infiq tagħhom u jakkwistaw aktar kapaċitajiet konġunti, b'hekk isaħħu l-forzi armati tagħhom għal skopijiet operattivi fil-livell nazzjonali, tan-NATO jew tal-UE;

5. Jaqbel mal-ambizzjoni biex jinbena pilastru Ewropew fi ħdan in-NATO u jisħaq fuq il-fatt li l-iżvilupp ta' unjoni Ewropea tad-difiża jista' jmur *pari passu* mat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO;

It-tisħiħ tas-sigurtà Ewropea: l-appoġġ għall-Ukrajna billi jingħatawlha kapaċitajiet militari mingħajr restrizzjonijiet fuq l-użu tagħhom bil-għan li tintemm il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja

6. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tiegħu biex l-UE u l-Istati Membri tagħha juru solidarjetà mal-Ukrajna f'dik li hi l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u jfornulha l-mezzi militari neċessarji biex tiddefendi lilha nnifisha, ittemm il-kunflitt u terġa' tistabbilixxi l-integrità territorjali tagħha fi ħdan il-konfini tagħha rikonoxxuti fil-livell internazzjonali; jilqa' l-impenji konġunti fil-qasam tas-sigurtà bejn l-UE u l-Ukrajna, u l-ftehimiet bilaterali dwar is-sigurtà konklużi mill-Ukrajna ma' diversi Stati Membri; itenni l-appell tiegħu lill-Istati Membri biex iħaffu l-forniment tagħhom ta' armi, sistemi ta' difiża tal-ajru u munizzjon lill-Ukrajna, inklużi l-missili kruċiera lanċjabbli mill-ajru; jistieden lill-Istati Membri jneħħu r-restrizzjonijiet kollha li jimpedixxu lill-Ukrajna milli tuża sistemi tal-armi tal-Punent kontra objettivi militari fir-Russja, kif permess mid-dritt internazzjonali;

7. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw lill-Ukrajna biex twessa' l-koalizzjoni internazzjonali għas-sostenn tal-Pjan għar-Rebħa tagħha li ppreżenta l-President tal-Ukrajna, Volodymyr Zelenskyy, bħala l-unika triq fattibbli biex jerġgħu jiġu stabbiliti s-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukajna abbażi tad-dritt internazzjonali, biex b'hekk ir-Russja jkollha tagħti kont tad-delitti tal-gwerra li kkommettiet, fosthom id-delitt ta' aggressjoni, u biex jiġu żgurati r-riżarċimenti Russi u pagamenti oħra għad-danni enormi kkawżati fl-Ukrajna;

8. Jisħaq fuq l-importanza tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF), li rriżulta strumentali fl-appoġġ mogħti lill-forniment ta' kapaċitajiet militari u taħriġ lill-Forzi Armati Ukreni, filwaqt li żgura l-koordinament għall-partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-mekkaniżmu ta' koordinament ġestit mill-Istat Maġġur tal-UE; jilqa' l-ħolqien ta' Fond ta' Assistenza għall-Ukrajna speċifiku fl-ambitu tal-EPF u jitlob li, permezz ta' dan l-istrument, jiżdiedu r-riżorsi finanzjarji għall-assistenza militari għall-Ukrajna; iħeġġeġ lill-Ungerija tneħħi l-veto tagħha fuq l-appoġġ militari tal-EPF għall-Ukrajna, inklużi r-rimborżi maqbula għall-Istati Membri li fornew għajnuna militari lill-Ukrajna;

Ngħaqqdu l-forzi biex inżidu l-kapaċitajiet ta' difiża

9. Jilqa' l-viżjoni li esponiet l-Istrateġija għall-Industrija tad-Difiża Ewropea akkumpanjata mill-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-programm għall-industrija tad-difiża Ewropea; isostni l-objettiv biex tissaħħaħ il-preparatezza industrijali fil-qasam tad-difiża tal-UE ħalli l-Istati Membri jkunu jistgħu jidentifikaw u jiddiskutu aktar il-programmazzjoni u l-akkwist konġunti fil-qasam tad-difiża, kif ukoll il-proġetti Ewropej ta' interess komuni fil-qasam tad-difiża;

10. Jenfasizza l-bżonn li tingħeleb il-frammentazzjoni tas-suq intern tal-UE għall-prodotti tad-difiża, inkwantu twassal għal duplikazzjonijiet bla bżonn u għall-multiplikazzjoni tal-ineffiċjenzi fl-infiq għad-difiża; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti biex tlesti s-suq intern tal-UE għad-difiża, b'mod partikolari abbażi ta' valutazzjoni tar-regoli tal-UE relatati mal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża u mat-trasferiment tal-prodotti tad-difiża, u tal-identifikazzjoni u tal-analiżi tal-limitazzjonijiet u tal-lakuni fil-qafas ġuridiku attwali;

11. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat sforz ibbilanċjat bejn it-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali eżistenti tal-UE fil-qasam tal-armi fit-terminu qasir u medju u l-appoġġ favur ir-riċerka u l-iżvilupp ta' tagħmir militari u armi ġodda u innovattivi speċifiċi għall-bżonnijiet tal-forzi armati tal-Istati Membri;

Boxxla Strateġika ġdida: promozzjoni ta' viżjoni strateġika u koerenza komuni, u titjib tal-proċess deċiżjonali tal-UE fil-kwistjonijiet ta' difiża fi ħdan il-qafas istituzzjonali tal-UE

Boxxla Strateġika

12. Jisħaq li l-iżviluppi ġeopolitiċi evolvew malajr minn mindu l-Istati Membri adottaw il-Boxxla Strateġika f'Marzu 2022; jitlob, għaldaqstant, rieżami tal-Boxxla Strateġika abbażi ta' valutazzjoni komprensiva u konġunta tat-theddid; jistieden, għaldaqstant, lill-Kummissjoni u lill-VP/RGħ jippreżentaw verżjoni aġġornata tal-Boxxla Strateġika, wara dan l-eżerċizzju ta' rieżami u jitlob li tali eżerċizzju jinforma t-tħejjija tal-white paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea;

Governanza fil-qasam tad-difiża: il-konsolidament tal-qafas istituzzjonali u tal-proċess deċiżjonali fl-oqsma tad-difiża u tas-sigurtà

13. Jissuġġerixxi li l-Kunsill jirrieżamina l-istrutturi istituzzjonali tal-organi deċiżjonali tiegħu kompetenti għad-difiża u s-sigurtà, u jikkunsidra li jwaqqaf organu deċiżjonali permanenti ġdid magħmul mill-ministri għad-difiża tal-Istati Membri;

14. Itenni l-appell tiegħu biex tissaħħaħ il-kapaċità militari tal-ippjanar u t-tmexxija tal-UE u biex tinkiseb kapaċità operattiva sħiħa, anki permezz tal-forniment ta' binjiet, persunal, kmand u kontroll imsaħħa u sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni effikaċi għall-missjonijiet u għall-operazzjonijiet tal-PSDK kollha; itenni l-appoġġ totali tiegħu għall-Kapaċità ta' Skjerament Rapidu biex tikseb kapaċità operattiva sħiħa fl-2025, b'tal-anqas 5 000 truppa disponibbli għal kompiti ta' salvataġġ u evakwazzjoni, operazzjonijiet ta' dħul inizjali u stabbilizzazzjoni jew rinforz temporanju tal-missjonijiet;

Żieda fir-riżorsi ddedikati għall-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni

15. Jilqa' ż-żieda fil-baġits u fl-investimenti fil-qasam tad-difiża min-naħa tal-Istati Membri kif ukoll iż-żieda, għad li ċkejkna, fil-baġit tal-UE għall-PSDK fl-2024; jistieden lill-Istati Membri li għadhom ma laħqux il-limitu minimu ta' 2 % tal-PDG tagħhom iddedikat għall-infiq fil-qasam tad-difiża biex jimpenjaw ruħhom b'determinazzjoni ħalli jżidu gradwalment il-baġit militari tagħhom; jirrakkomanda li, abbażi tal-analiżi kontinwa tal-bżonnijiet f'termini ta' kapaċità, l-Istati Membri jkomplu jgħollu dan il-limitu, b'mod partikolari għall-akkwist pubbliku konġunt tal-kapaċitajiet ta' difiża;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu bidu għal diskussjoni miftuħa bbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet li Mario Draghi ppreżenta fir-rapport tiegħu dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, anki billi jżidu r-riżorsi allokati għas-sigurtà u għad-difiża fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss u jeżaminaw l-alternattivi ta' finanzjament kollha għal dan l-għan; jistieden ukoll lill-Istati Membri jemendaw il-proċess ta' finanzjament tal-EPF bil-għan li jiżguraw appoġġ adegwat u sostenibbli għas-sħab u għall-alleati u, fl-istess ħin, jallinjaw mal-missjonijiet u mal-operazzjonijiet tal-PSDK;

Kontribut aktar effikaċi għall-paċi fid-dinja permezztal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni tal-UE u tishiħ tar-rwol tal-UE bħala attur fil-qasam tas-sigurtà

Tnaqqis tat-tensjonijiet, prevenzjoni tal-gwerer u appoġġ għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti

17. Jesprimi tħassib qawwi u dejjem akbar għall-appoġġ taċ-Ċina lir-Russja fil-gwerra ta' aggressjoni ta' din tal-aħħar kontra l-Ukrajna, b'mod partikolari permezz tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju lejn ir-Russja, u l-involviment ta' bħalissa tal-kumpaniji bbażati ċ-Ċina fl-evażjoni u fiċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet; jinsab ukoll ferm imħasseb bin-numru dejjem akbar ta' atti ostili li qed tagħmel iċ-Ċina fil-konfront tat-Tajwan, fosthom attakki ċibernetiċi, kampanji ta' influwenza, ajruplani tal-gwerra Ċiniża jidħlu fiż-Żona ta' Identifikazzjoni tad-Difiża tal-Ajru u l-qtugħ ta' kejbils sottomarini;

18. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi jġibu fi tmiemhom l-azzjonijiet aggressivi kollha, b'mod partikolari l-operazzjonijiet marittimi u tal-ajru fl-Istrett tat-Tajwan u fil-Baħar taċ-Ċina tan-Nofsinhar, li jqiegħdu fil-periklu l-istabbilità fir-reġjun Indo-Paċifiku u b'hekk jikkompromettu s-sigurtà internazzjonali, is-sovranità tal-pajjiżi tar-reġjun, is-sikurezza tal-ħajja fil-baħar u l-libertà ta' navigazzjoni;

19. Jikkundanna l-Iran, bl-aktar mod qawwi, għall-attivitajiet destabbilizzanti tiegħu fir-reġjun tal-Lvant Nofsani u għall-appoġġ kontinwu li jagħti lill-gruppi terroristiċi, li jirrappreżentaw theddida diretta għas-sigurtà reġjonali u dinjija; jesprimi, madankollu, l-appoġġ sħiħ lis-soċjetà ċivili u lill-forzi demokratiċi tal-Iran kif ukoll is-solidarjetà totali magħhom;

20. Itenni l-kundanna tiegħu tal-attakki terroristiċi ta' stmellija kommessi mill-organizzazzjoni terroristika Ħamas kontra Iżrael fis-7 ta' Ottubru 2023, li kkontribwew għad-destabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Lvant Nofsani, intensifikata mill-aggressjonijiet

kontra Iżrael min-naħa tal-forzi bi prokura Iranjani (pereżempju Hezbollah fil-Libanu u l-Houthi fil-Jemen) u tar-reġim Iranjan stess;

Missjonijiet u operazzjonijiet tal-PSDK

21. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri jkomplu jġeddu l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, anki permezz ta' mandati robusti, flessibbli u modulari, bil-għan li jadattaw għall-kuntest tas-sigurtà li qed jinbidel u għall-bżonnijiet tal-pajjiżi ospitanti, u jibnu fuq is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tad-dimensjonijiet ċivili u militari tal-PSDK;

Titjib tal-kapaċità tal-UE li tindirizza l-isfidi marbuta mas-sigurtà

Kapaċità ta' intelligence

22. Jisħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ tal-kondiviżjoni tal-intelligence u tal-iskambju tal-informazzjoni fost l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż il-Parlament, bil-għan li jitjieb l-għarfien tas-sitwazzjoni u biex ikunu kapaċi jantiċipaw aħjar u jiġġieldu t-theddid għas-sigurtà kollettiva u jiddefinixxu linji ta' azzjoni komuni fl-ambitu tal-PSDK, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet;

Difiża mill-attakki ibridi u mid-diżinformazzjoni

23. Jesprimi tħassib gravi bl-isfidi dejjem akbar marbuta mas-sigurtà rrappreżentati mill-attakki ċibernetiċi u ibridi u mill-manipulazzjoni tal-informazzjoni u ndħil minn barranin, li huma mmirati, fost affarijiet oħra, li jimminaw l-istabbiltà tas-soċjetajiet demokratiċi, speċjalment fil-perjodu qabel l-elezzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex jindirizzaw dawn l-isfidi u jżidu r-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni;

Spazju

24. Jilqa' l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet proposti minn Mario Draghi fir-rapport tiegħu dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jaġġornaw il-governanza u r-regoli relatati mal-investimenti fis-settur tal-ispazju, b'mod partikolari fl-oqsma relatati mad-difiża;

Kontroll tal-armi, nonproliferazzjoni u diżarm

25. Jiddispjaċih li, f'dawn iż-żminijiet ta' instabbiltà ġeopolitika, qed jiddgħajfu r-reġimi ta' nonproliferazzjoni u tal-kontroll tal-armi, u jitlob li jirduppjaw l-isforzi biex din it-tendenza titreġġa' lura;

Difiża u soċjetà

26. Jenfasizza l-bżonn li ċ-ċittadini tal-UE jifhmu aħjar it-theddid u r-riskji għas-sigurtà bil-għan li jibdew ikunu konxji mid-difiża Ewropea; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiżviluppaw programmi edukattivi u ta' sensibilizzazzjoni mmirati li jtejbu l-għarfien dwar il-kwistjonijiet tad-difiża fost iċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażagħ, u li

jsaħħu r-reżiljenza u l-preparatezza tas-soċjetajiet biex jaffrontaw l-isfidi marbuta mas-sigurtà;

Tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża u tas-sħubijiet

27. Jisħaq fuq l-importanza tad-dimensjoni tas-sħubija tal-Boxxla Strateġika biex issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-alleati u s-sħab tagħha fid-dinja kollha, bil-għan li jiġu miġġielda l-istrateġiji barranin immirati li jdgħajfu lill-UE u lis-sħab tagħna u jiddestabbilizzaw l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli;

Kooperazzjoni UE-NATO

28. Jisħaq fuq l-importanza li n-NATO u l-UE jiżvolġu rwoli komplementari, koerenti u li jsaħħu lil xulxin biex jappoġġjaw is-sigurtà internazzjonali u b'hekk jevitaw id-duplikazzjoni tal-isforzi fil-qasam tad-difiża; jilqa' l-adeżjoni tal-Iżvezja man-NATO fl-2024, li segwiet dik tal-Finlandja fl-2023, li tirrappreżenta pass storiku 'l quddiem fit-tisħiħ tas-sigurtà fl-Ewropa;

Sħubija mal-Istati Uniti

29. Iqis li jkun essenzjali li tiġi żviluppata aktar ir-relazzjoni stretta tal-UE mal-Istati Uniti, li hija bbażata fuq il-valuri komuni tad-demokrazija, tal-libertà u tal-istat tad-dritt; japprezza l-impenn tal-Istati Uniti favur id-difiża territorjali tal-Ewropa kif ukoll l-involviment tagħhom fiha, speċjalment fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;

Sħubija mar-Renju Unit

30. Iqis li jkun essenzjali li tiġi formalizzata sħubija ta' sigurtà u difiża mar-Renju Unit bħala mezz kif jissaħħu s-sigurtà Ewropea u l-pilastru Ewropew tan-NATO, b'mod partikolari fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna;

Sħubija mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent

31. Jissottolinja li s-sigurtà tal-UE hija marbuta mill-qrib mas-sigurtà tal-ġirien immedjati tagħha fil-viċinat tal-Lvant u tan-Nofsinhar kif ukoll fil-Balkani tal-Punent;

Involviment akbar tal-Parlament Ewropew fil-PSDK

32. Jenfasizza li t-tisħiħ tal-PSDK bħala prijorità politika fl-għaxar leġiżlatura u ż-żieda fl-infiq rigward politiki u programmi ta' difiża fil-livell tal-UE u fost l-Istati Membri jeħtieġu skrutinju parlamentari u obbligu ta' rendikont sħaħ;

°

° °

33. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Viċi President/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-President tal-Kummissjoni u lill-

Kummissarji kompetenti, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO, lill-aġenziji tal-UE għas-sigurtà u għad-difiża u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

* * *

NOTA SPJEGATTIVA

Matul dawn l-aħħar snin u b'mod partikolari mindu faqqgħet il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-UE kellha tħabbat wiċċha ma' ħafna forom ta' theddid liema bħalu għas-sigurtà tagħha u ma' kriżijiet ġodda fl-ambjent ġeografiku viċin, inklużi l-konsegwenzi tal-attakki terroristiċi ta' Ħamas kontra Iżrael f'Ottubru 2023.

L-UE rreaġixxiet għal dawn l-iżviluppi negattivi billi involviet ruħha b'mod aktar fil-fond fis-sigurtà u fid-difiża Ewropej, eżaminat perkorsi ġodda u varat inizjattivi ġodda biex issaħħaħ u tiżviluppa l-kapaċitajiet ta' difiża tagħha b'mod kollettiv u kooperattiv.

L-ewwel rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) tal-UE matul l-għaxar leġiżlatura għandu l-għan li jippreżenta l-valutazzjoni tal-Parlament Ewropew rigward il-progress tal-PSDK fil-kuntest ġeopolitiku u ta' sigurtà attwali u b'hekk jirrispondi lir-rapport tar-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija, ippubblikat fl-20 ta' Ġunju 2024 intitolat "Rapport dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni - Il-prijoritajiet tagħna fl-2024". Jifformula wkoll rakkomandazzjonijiet dwar it-toroq ewlenin biex jissaħħu l-politiki u l-azzjonijiet għall-futur f'diversi dimensjonijiet, fosthom il-progress fil-proċess deċiżjonali istituzzjonali, l-iżvilupp konġunt tal-kapaċitajiet militari u tal-armi u l-mezzi li bihom jiġu ffinanzjati.